Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 276/2017

**Chef's Choice Limited**

**Vs**

**Mohammed Al Zamati**

30 ta' April, 2019.

1. B'sentenza tal-10 ta' Dicembru, 2018 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn tmien mija u disa' u hamsin ewro u disgha u sebghin centezmu (€2,859.79), ammont li qal li l-konvenut kien ha minghajr ebda jedd. It-Tribunal irraguna:

> *"Wara li qies il-provi kollha mressqa quddiemu, it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li s-soċjeta' attriċi rnexxielha tipprova l-każ tagħha sal-livell meħtieġ, u li l- verżjoni tal-fatti mogħtija mill-konvenut mhix kredibbli. Din il-konklużjoni t-Tribunal wasal għaliha wara li qies li: (i) mill-filmat tas-sigurta' eżibit, jidher ċar li l-kaxxiera Janice Vassallo kkonsenjat erba' boroż issiġillati lill-konvenut, u li l-konvenut kien qed isegwi sewwa x'kienet qed tagħmel il-kaxxiera – mhux kif qal hu – u ffirma wara li l-kaxxiera kkompletat il-verifika tal-boroż tal-flus quddiemu; (ii) għal għajn it-Tribunal, in-numru '8' fit-tielet numru li jaqra komplessivament '3317168' fil-paġna tad-djarju għall-jum tal-24 ta' Frar mhux kitba oriġinali bħall-bqija tan-numri; (iii) il-konvenut iffirma fuq erba' riċevuti tal-boroż li kkonsenjatlu l-kaxxiera, u l-erba' boroż kellhom numri differenti; (iv) in-numru tal-borża li ma ġietx konsenjata huwa n-numru li huwa nieqes mid-djarju, u d-differenza bejn dan in-numru u n-numru li jidher miktub darbtejn jinsab fl-istess n-numru '8' li għal għajn it-Tribunal il-veraċita' tiegħu tidher dubjuża; (v) il-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Saviour Ghirxi, Wayne Mizzi u Joseph Mizzi hija l- istess, fuq il-fatti kruċjali, u tikkuntradiċi għal kollox il-verżjoni tal-fatti kif mogħtija mill-konvenut, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam ma' x'ġara fil-mument meta l-konvenut ikkonsenja erba' boroż tal-flus, minflok tlieta, lil Saviour Ghirxi. It-Tribunal ma jemminx li Ghirxi u Mizzi ma tawx każ li s-soċjeta' attriċi irċeviet eluf ta' Ewro anqas milli kellha tirċievi, u li baqgħu ma għamlu xejn għal ġranet sħaħ. Il-verżjoni mġħotija minn Ghirxi, u Wayne Mizzi u Joseph Mizzi għandha aktar mis-sewwa u taqbel ukoll ma' dak li t-Tribunal seta' jara li ġara fil-filmat eżibit fl-atti".*

2. Il-konvenut appella mis-sentenza, bl-aggravji jkunu li:

    i. L-ahjar prova kellu jkun ir-recording originali tas-CCTV;
    ii. Mid-diary kien car li t-tag bis-*security serial number* in kwistjoni kienet diga' ntuzat. Ghalhekk ma jistax ikun l-istess borza regghet intuzat;
    iii. It-Tribunal stess irrimarka li s-sistema li tuza l-attrici tista' tigi facilment defrawdata eluf ta' ewro, minn min jipprepara u jew jikkonsenja l-boroz u minn min jaccettahom u responsabbli mid-dhul fil-kotba tal-attrici;

iv. L-ammont li tippretendi l-attrici baqa' ammont in arja. Iz-Z reading u l-kontenut tal-borza qatt ma gew konfermati, la mill-persuna li allegatament ippreparat il-boroz u lanqas mis-sistema kompjuterizzata tal-cash registers.

v. Ghalkemm hu ovvju *ad occhio nudo* li d-djarju tal-konvenut jidher li kien irrangat jew kien hemm tbaghbis fin-numri tal-borz, hemm ukoll diskrepanza fuq it-tag tal-borza allegatament nieqsa.

vi. Il-konvenut qatt ma kellu inkarigu li jwassal flus il-bank u dak li ddeskriva Joseph Mizzi, direttur tal-attrici, sehh minn persuna ohra, probabbilment l-istess persuni li sabu l-mezz kif jergghu juzaw il-boroz tas-sigurta.

vii. Ma ntalab l-ebda intervent tal-pulizija sabiex issir investigazzjoni.

3. L-appellata wiegbet u tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

4. Wara li l-qorti qrat l-atti, minghajr ezitazzjoni tiddikjara li m'hemmx bazi sabiex jintlaqa' l-appell tal-konvenut. Appell li hu bazat fuq apprezzament ta' provi u argumenti intizi biex jitfghu d-dubju fuq il-verzjoni tal-attrici. F'dan il-kaz it-Tribunal sema' l-provi kollha *viva voce* u ghalhekk kien jinsab fl-ahjar posizzjoni sabiex ighid liema verzjoni kienet l-iktar tikkonvincih u jqies ukoll il-kredibbilta ta' dawk li xehedu fil-kaz.

5. M'hemmx dubju li l-envelope li kellu n-numru 3317165 inghata lill-konvenut, tant li ffirma ghalih. Janice Vassallo ikkonfermat li lill-konvenut tatu erba' boroz bi flus fihom u ffirma s-slip ghalihom. Fid-diary relattiv, li kien izomm il-konvenut, hemm erba' entries bi tnejn minnhom ikollhom in-numru 3317168. Mhuwiex verosimili li s-slips ezibiti a fol. 18 ikollhom l-istess numru. Il-qorti taqbel perfettament mat-Tribunal li mad-daqqa t'ghajn in-numru 8 fit-tieni numru 3317168 jidher li gie mbaghbas. F'kull kaz l-appellant iffirma ghall-erba' boroz, u rrizulta li kkonsenja tlieta.

6. It-Tribunal qal li mill-video kien jidher car li l-konvenut inghata erba' boroz. Il-konvenut argumenta li dak ma kienx ir-recording originali izda kopja. Pero' waqt is-smiegh tal-provi ma jirrizultax li oggezzjona ghal dik il-prova jew li insista li l-attrici tipprezenta r-recording originali. Dan apparti li hemm id-deposizzjoni ta' Janice Vassallo li kkonfermat li tatu erba' boroz (fol. 22-23). Xhud li ma sarilhiex kontro-ezami u ma nghatat l-ebda raguni li tista tikkonvinci lill-qorti li ma kellhiex titwemmen. F'kull kaz mill-verzjoni li tat ix-xhud m'hemm xejn li jista' jwassal lil din il-qorti biex tikkonkludi li x-xhud m'hijiex kredibbli.

7. L-attur qal ukoll li ma kienx id-dmir tieghu li jwassal flus il-bank. Dan jidher li kien b'riferenza ghal dak li xehed Joseph Mizzi (fol. 28). Fis-sentenza t-Tribunal ma semmiex dik il-parti tal-verzjoni ta' Joseph Mizzi bhala wahda mir-ragunijiet li wasslitu biex jikkonkludi li l-attrici ippruvat il-kaz taghha.

8. Il-konvenut semma wkoll li f'dan il-kaz kien hemm, *'nuqqas ta' indhil fil-forzi tal-Pulizija li jintalbu fil-fatt jinvestigaw dawn in-nuqqasijiet li qed tbaghti s-socjeta attrici'.* Fatt li fil-fehma tal-qorti m'għandu l-ebda rilevanza dwar jekk

il-konvenut huwiex debitur. F'kull każ Joseph Mizzi xehed li kien sar rapport lill-pulizija (fol. 28).

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.